MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1272/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**Vs**

**Ali Omar Attweger**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tas-Sibt 20 ta' Dicembru 2014**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Ali Omar Attweger ta' 46 sena, mwieled fl-4 ta' Mejju 1968 gewwa Libja, iben Omar u Rukajja residenti Windrose, Flat 5, Triq l-Iskola, Msida, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 164307L talli

Gewwa l-Libja bejn is-sena 2012 u 2014 kontra s-sewwa zamm, arresta jew issekwestra cittadin Malti cioe' il-minuri Nadia Attweger ID 46400L

Aktar talli kiser digriet mahrug mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) Imhallef Onor. Noel Cuschieri LL.D Mag. Juris (EUR. LAW) hekk kif mahrug fit-18 ta' Marzu 2008.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistrat ammissjoni u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-fedina penali tieghu u l-ammissjoni bikrija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 87 ,90, 338(ll) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal tlettax (13)-il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien sena.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u ta' l-atti lill-Avukat Generali fiz-zmien skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------